

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 60/2010****tal-11 ta' Ġunju 2010****li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 38/2010 tat-30 ta' April 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 42/2010 tat-30 ta' April 2010 <sup>(2)</sup>.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 tal-4 ta' Marzu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-numri u l-ismijiet tal-Bordijiet Xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel <sup>(3)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' orġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE <sup>(4)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/47/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Istati Uniti tal-Amerika fuq il-karawett u prodotti li ġejjin minnhom għal dik li hija preżenza ta' aflatoxsin <sup>(5)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/486/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 li taħtar nofs il-membri tal-Bord ta' Gestiġni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel <sup>(6)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-ftehim.
- (7) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 13 (Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Parti 7.1 tal-Kapitolu I u fpunt 41 (Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' Kapitolu II:

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, 15.7.2010, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 181, 15.7.2010, p. 9.<sup>(3)</sup> ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17.<sup>(4)</sup> ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11.<sup>(5)</sup> ĠU L 11, 15.1.2008, p. 12.<sup>(6)</sup> ĠU L 165, 26.6.2008, p. 8.

“— **32008 R 0202**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 tal-4 ta' Marzu 2008 (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17).”

2. Il-punt li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt 49 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE) tal-Parti 7.2 tal-Kapitolu I:

“50. **32008 D 0486**: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/486/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 li taħtar nofs il-Membri tal-Bord tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (OJ L 165, 26.6.2008, p. 8).”

3. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu inseriti wara l-punt 45 (Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/478/KE tad-19 ta' Ġunju 2006) tal-Kapitolu II:

“46. **32008 D 0486**: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/486/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 li taħtar nofs il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 165, 26.6.2008, p. 8).”

47. **32009 R 0669**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' orġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).”

#### Artikolu 2

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 54zzzc (Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“— **32008 R 0202**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 tal-4 ta' Marzu 2008 (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17).”

2. Il-punti li ġejjin se jiġu inseriti wara l-punt 54zzzzl (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009):

“54zzzzm. **32008 D 0047**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/47/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Istati Uniti tal-Amerika fuq il-karawett u prodotti li ġejjin minnhom għal dik li hija preżenza ta' aflatossini (ĠU L 11, 15.1.2008, p. 12).”

54zzzzn. **32008 D 0486**: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/486/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 li taħtar nofs il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 165, 26.6.2008, p. 8).”

54zzzzo. **32009 R 0669**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' orġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).”

#### Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 202/2008 u (KE) Nru 669/2009 u d-Deċiżjonijiet 2008/47/KE u 2008/486/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-12 ta' Ġunju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

(\*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.